MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 256/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fil-21 ta' Awwissu 1995 fir-Registru Pubbliku biss u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Peress illi l-attur kellu sittax-il sena meta zzewweg u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. B filwaqt li l-konvenuta kellha 19-il sena;

3. Peress illi l-konvenuta kellha seba’ xhur tqala meta zzewgu tant li l-unika wild tal-partijiet tifla li jisimha Seline twieldet fis-27 ta’ Ottubru 1995 u dan skond l-anness certifikat tat-twelid markat Dok. C;

4. Peress li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin biss xaharejn meta l-konvenuta harget tqila, ma kellhom ebda hsieb li jizzewgu u stante l-fatt li l-attur kien iltim ta’ hdax-il sena u kien joqghod wahdu sa minn meta kellu 13-il sena, kull ma jaf hu li nanntu materna qaltlu biex jiffirma xi karti minhabba li kien taht l-eta’ u dan rrizultaw li kien biex jizzewweg;

5. Peress li missier l-attur miet meta huwa kellu hames snin b’ incident tat-traffiku, u hu l-attur miet xahar wara ta’ erba’ xhur u ommu mietet meta l-attur kellu 11-il sena, u peress li ma kellux hutu l-attur mar joqghod ma’ nanntu materna izda din ordnatlu jghix fil-flat li kellha ommu fejn ghadu jghix sallum;

6. Peress li z-zwieg sar ghax hejjet kollox in-nanna materna tieghu peress li kien ghadu minorenni u mhux ghax ried jizzewweg u zzewweg ghax hekk ordnatlu n-nanna tieghu;

7. Peress li l-partijiet lanqas kellhom il-preparazzjoni mehtiega dwar ir-responsabbiltajiet taz-zwieg tant li ma sar ebda tieg jew honeymoon u kull ma ghamlu kien li zzewgu fir-Registru Pubbliku l-Belt u marru jiehdu pizza Bormla hi u hu biss ghax lanqas biss kien jahdem dak iz-zmien;

8. Peress illi miz-zwieg l’ hawn u cioe’ ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena l-partijiet ma riedux tfal tant li lanqas qatt ippruvaw ghat-tfal u l-konvenuta kienet tikkontendi li r-rwol taghha huwa biss bhal omm li ssajjar, tnaddaf u tahsel;

9. Peress li waqt iz-zwieg l-attur dejjem hass li martu kienet tittrattah aktar bhala binha milli bhala zewgha tant li ma kien hemm ebda affett, u kienet tinsisti sabiex l-

konvenut ma jersaqx lejha lanqas biex jghannaqha jew ibusha.

10. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

11. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

12. Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Awwissu 1995 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha

kuntrattat mal-konvenuta fil-21 ta' Awwissu 1995 huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet, fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu bir-rit civili fil-21 ta' Awwissu1995 meta allura l-attur kellu kwazi 17-il sena u l-konvenuta kellha 19-il sena, u wara li l-partijiet kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa 8 xhur. Fis-27 ta' Ottubru 1995 twieldet it-tifla tal-partijiet. Sussegwentement il-partijiet isseparaw de facto.

Illi l-konvenuta tispjega li meta hi bdiet tohrog ma' l-attur dan kien qallha li kellu 18-il sena, u kien wara li harget tqila u kienu ser jizzewgu li skopriet li l-attur kien ghadu taht l-eta'.

Tghid, li wara z-zwieg huma baqghu jkollhom relazzjonijiet intimi bejniethom, izda dejjem bi prekawzjoni fuq insistenza ta' l-attur biex ma jkollhomx aktar tfal. Tispjega li l-attur kellu biza' kbira li jkollu tfal peress li hutu kienu twieldu b' dizabilita' u ghalhekk mid-data li rezumew ir-relazzjonijiet intimi, hu dejjem insista li jiehdu l-prekawzzjonijiet.

Il-konvenuta tghid li wara t-twelid tat-tifla l-attur kien sab xoghol fuq rig, u ghalhekk kull hmistax kien ikun xoghol barra minn Malta.

Hija tikkonferma li l-attur kellu trobbija difficli, u kien trabba man-nanna, stante li missieru miet b' incident meta hu kellu 5 snin, u ommu kkommettiet suwicidju meta hu kellu 13-il sena, b' hekk spicca orfni ta' eta' zghira u kien soggett ghad-decizjonijiet li kienet tiehu n-nanna tieghu.

Minn naha tieghu l-attur jikkonferma dak li qalet il-konvenuta, salv ghall-fatt li kienet il-konvenuta li ma riditx aktar tfal fiz-zwieg biex ma titlifx il-figura taghha, u ghalhekk l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzjoni. Jghid ukoll li wara t-twelid tat-tifla, il-konvenuta kienet tkun

riluttanti ghar-relazzjonijiet intimi, u li dan kien wassal ghat-tifrik taz-zwieg.

L-attur jispjega wkoll li kienet nanntu li kienet hadet id-decizjoni li jizzewweg lill-konvenuta, u dan, biex it-tarbija taghhom titwieled fiz-zwieg. Li kien ghalih huwa ma kienx jizzewweg, imma nanntu gieghlitu li jiehu dan il-pass u kienet qaltlu li seta' biss jizzewweg bic-civil, ghax "biex nizzewgu bil-knisja trid il-flus. Preparamenti ghaz-zwieg ma kellna xejn, kors ta' Kana ma morniex."[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet lill-konvenuta tiddeponi u taghtiha affidament, stante li l-verzjoni taghha hija aktar verosimili, partikolarment rigward ir-relazzjonijiet intimi.

Illi mill-provi migjuba l-Qorti tirravviza f' dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fil-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront ta' l-attur. Il-provi juru li dan kien zghir u mmatur wisq meta dahal, jew dahluh, fl-istat taz-zwieg, u ma kienx konxju li z-zwieg huwa unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Dan huwa kaz car, fejn l-attur, jew ahjar nanntu, hasbet genwinament izda erroneament, li tista' tghatti l-zball tan-neputi taghha billi gieghlu jizzewweg meta kien jidher car li dan kien ghadu zghir, u ma kienx istruwit bizzejjed dwar il-hajja konjugali, biex jizzewweg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, u li dan il-caput nullitatis jissussiti biss fil-konfront ta' l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Awwissu 1995.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

[1] Aff. fol.15

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------